KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 4

Ir-raba' laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Silvio Zammit | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivienne Mary Galea Pace | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier (daħal 18 :42) |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **SKUŻAT** | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

## 1. APOLOĠIJI

1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (a/SE) informa li l-Kunsillier Portelli kien infurmah li se jasal tard.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera Marianne Aquilina talbet biex il-minuti jaslu aktar kmieni għaliex ma waslux fi żmien ħamest ijiem. L-a/SE informa li huwa jagħmel mill-aħjar li jista' iżda fakkar li huwa kien biss Aġent b'ħin limitat u bir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali ieħor.

2.2 Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

2.3 Il-Kunsillier Paul Radmilli rrimarka li dwar il-proposta tal-iskart ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni. Il-Kunsill qabel li ssir korrezzjoni f'punt 5.9 ta' l-aħħar seduta li titneħħa l-frażi 'Il-Kunsill qabel li'. *Emenda fil-minuti.*

2.4 Wara konsiderazzjoni l-Kunsill approva l-minuti kif emendati *nem con*. *Minuti approvati.*

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU/KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku informa li qed isiru laqgħat regolarment dwar il-permessi tal-krejnijiet. Għal dawn il-laqgħat huwa kien sejjaħ lill-Kunsillieri Dr Kris Busietta u Paul Radmilli. Minuti ta' dawn il-laqgħat qegħdin aċċessibbli għal membri tal-Kunsill. Sadanittant is-Sindku talab li jkun formalizzat bħala Sotto-kumitat magħmul minn dawn il-persuni. Il-Kunsill qabel. *Aġġornament tal-laqgħat dwar il-permessi għall-krejnijiet – sottokumitat.*

3.2 Il-Kunsilliera Marianne Aquilina staqsiet dwar it-*tower crane* li għandu jitpoġġa ġewwa Gaety Lane . Is-Sindku informa li l-perit għad irid jagħmel ir-rapport u min-naħa l-oħra l-Kunsill ma tantx jista' jagħmel wisq minħabba li jidher li dan huwa sqaq privat. *L-applikazzjoni għall-krejn fi Triq il-Kbira.*

3.3 Il-Kunsillier Michael Briguglio rrimarka dwar l-inkonvenjenza li qegħdin joħolqu l-kuntratturi li qegħdin jaħdmu fi Triq Sir Arturo Mercieca. Is-Sindku informa li dawn qegħdin jiġu segwiti bir-reqqa u l-Kunsill ġibed ukoll ammont ta' flus mill-garanzija bankarja ta' wħud minnhom. Is-Sindku tenna li l-laqgħat li qegħdin isiru propju biex jaċċerta li l-kuntratturi jimxu mar-regolamenti. *L-iżvilupp fi Triq Sir Arturo Mercieca.*

3.4 Il-Viċi Sindku informa li qegħdin jingħataw iċ-ċitazzjonijiet lil min qiegħed jaħdem b'mod irregolari. Il-Kunsillier Paul Radmilli żied jgħid li qiegħed isir rapport min-naħa tal-amminstrazzjoni tal-azzjonijiet li qegħdin jittieħdu u li din ukoll hija għad-dispożizzjoni tal-Kunsillieri. Is-Sindku informa li hemm min jikkopera u hemm min le, filfatt kien min hemm residenti li nnutaw kemm lilu kif ukoll lill-Kunsillier Busietta li kien hemm tibdil għall-aħjar. Appella wkoll biex min jinnota xi kontravvenzjoni għandu jirrapporta. *Passi kontra min ma jimxix mar-regolamenti tal-permessi.*

3.5 Il-Kunsillier John Pillow appella biex ikun ikkonfermat li, qabel ma jarma, l-*crane* għandu jkollu ċertifikat validu li jkun jista jaħdem.

3.6 Is-Sindku informa li kienet waslitlu talba miċ-Ċentru ta' matul il-Jum tal-Anzjani biex isir xi irranġar fil-ġnien tagħhom speċjalment biex jinqalgħu xi Yucca li qed jikbru ż-żejjed u minflok jitħawwlu żewġ siġriet. Fakkar li dak iċ-Ċentru huwa fir-responsabbiltà tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. *Talba miċ-Ċentru ta' matul il-Jum tal-Anzjani – tibdil ta' siġar*

3.7 L-a/SE informa li kienet waslet talba mingħand is-Sur Daniel Micallef, Uffiċjal tal-Kunsill, biex wara x-xogħol ikun jista' jieħu l-vann tal-Kunsill u jiggaraxxjah fil-garaxx tiegħu. Huwa kien offra wkoll li jħallas ammont għad-diżil tal-vann għall-vjaġġi minn u lejn id-dar tiegħu. Wara diskussjoni l-Kunsill m'approvax din it-talba. *Talba minn uffiċċjal tal-Kunsill dwar il-vann tal-Kunsill*

3.8 Is-Sindku informa li kienet waslet talba lill-Kunsill biex jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni biex ikun hemm radju tal-kommunità mill-Parroċċa Sacro Cuor. Informa wkoll li kien qed joffru li jallokaw ħin għall-Kunsill ukoll. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier John Pillow appellaw fl-importanti li dan ir-radju ma jinstigax mibgħeda bejn il-parroċċi. Is-Sindku fakkar li jekk jingħata l-permess dan ikun soġġett għar-regolamenti tal-Awtorità tax-Xandir. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jagħmel dikjarazzjoni kif mitlub filwaqt li, jekk ikun hemm talbiet oħra minn parroċċi Slilmiżi l-Kunsill għandu jagħmel l-istess. *Talba għal Radju tal-Kommunita'mill-Parroċċa Sacro Cuor.*

3.9 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar il-kampanja Let's be Smart Tas-Sliema bla *Aġġornament dwar il-*

Skart. Huwa ħass li permezz ta' din il-kampanja il-Kunsill qiegħed iwassal il-messaġġ li l-Kunsill qiegħed jagħmel sforz kbir. Il-Kunsilliera Mary Camilleri staqsiet jekk sarux osservazzjonijiet tat-toroq li għamilna. Is-Sindku esprima li eventwalment jixtieq jippubblika l-programm tat-tindif tat-toroq li jsir mill-kenniesa u b'hekk inkunu nistgħu niġbdu l-attenzjoni lill-*foreman* tagħhom. Il-Kunsilliera Kris Busietta u Pierre Portelli għandhom jaraw il-ħinijiet u jiġu ppubblikati fil-magazin tal-Kunsill. *kampanja Let's be Smart Tas-Sliema bla Skart*

3.10 Il-Kunsillier Portelli għamel proposta li jitwaqqaf sotto kumitat li jkun immexxi mill-Kunsillier Paul Radmilli li jkun magħmul minn pensjonanti fejn dawn ikunu jistgħu jirrappurtaw lis-sotto kumitat kull ġimgħatejn dwar is-sitwazzjoni tal-indafa. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsillier Paul Radmilli għandu jifformola termini ta' riferenza għal dan is-sottokumitat. *Sotto kumitat dwar l-indafa fit-toroq.*

3.11 Il-Kunsilliera Vivianne Galea Pace issuġġeriet li għall-ħmieġ tal-klieb jibda jintefa' s-serratura biex ikun jista' jinġabar mill-kennies. *Użu ta' serratura biex jitneħħa l-ħmieġ tal-klieb.*

3.12 Il-Kunsillier Paul Radmilli ippropona li s-servizz għat-tindif tat-toroq u għat-tbattil tal-*litter bins* għandu jkun separat. *Litter bins.*

3.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, permezz ta' laqgħa li kellhom hu u l-a/SE mad-Direttur tax-Xogħlijiet il-Perit Anton Camilleri, ġew infurmati li ż-żmien biex il-Kunsill jieħu f'idejh il-ġnien George Bonello Dupuis kien ilu li skada u għalhekk kien qiegħed jitlob biex jgħaddi f'idejn il-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 2012. Madanakollu, wara insistenza aċċetta li jgħaddi f'idejn il-Kunsill fl-1 ta' Ottubru. Sadanittant id-Dipartiment se jibqa' jwettaq ix-xogħol kollu tal-manutenzjoni u kull ħsara li ssir sa dik id-data tkun irranġata mill-istess Dipartiment. Il-Kunsill qabel. *Il-handing over tal-Gnien George Bonello Dupuis*

3.14 Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta dwar l-ispejjeż involuti fuq il-Ġnien George Bonello Dupuis meta jgħaddi f'idejn il-Kunsill u li ħafna mill-ispejjeż huma għall-provvista tal-ilma. Is-Sindku informa li talab għal stima biex ikollu idea kemm tiswa *reverse osmosis* li din kieku tammonta bejn Euro 48,000 u Euro 50,000. Wieħed irid jara wkoll il-konsum tal-elettriku biex ikun jista' jara x'jaqbel għall-Kunsill. Il-Kunsill irid jara wkoll jekk hemmx opportunitajiet għall-finanzjament speċjali. Il-Kunsilliera Mary Camilleri ġibdet l-attenzjoni li l-istorbju tar-*reverse osmosis* jista' jdejjaq lir-residenti tal-viċin. Il-Kunsilliera Kris Busietta irrimarka wkoll li jekk il-Kunsill se jħallas għall-kont tad-dawl ukoll għandu jġib stima għal *solar system* ukoll. Il-Kunsilliera Marianne Aquilina qalet li l-Kunsill kien diġà ltaqa' mal-Ministru u kien infurmah li ma jaffordjax li jżomm il-manutenzjoni tal-Ġnien l-ieħor propost għax-Xatt. Il-Kunsillier Radmilli esprima li per principju jagħmel sens li Ġnien bħal dan jiġi delegat lill-Kunsill iżda għandu jsir każ biex jiżdied il-baġit. Sadanittant il-Kunsillier Michael Briguglio rrakkomanda li jkun ikkonsultat Marco Cremona minħabba li huwa espert fil-qasam tal-ilma. *Suġġeriment ta' sistema ta' reverse osmosis għat-tisqija tal-Ġnien George Bonello Dupuis.*

3.15 Il-Kunsillier Kris Busietta staqsa jekk jistax il-Kunsill issejjaħ għal *expression of interest* għal *energy efficiency measures* minħabba d-dawl u ilma tal-ġonna. L-a/SE qal li hi jħossu ftit xettiku biex tinħareġ *expression of interest.* Għalhekk jemmen li l-Kunsill għandu jara x'jeħtieġ u jagħmel sejħa pubblika għall-offerti. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti. Il-Kunsillieri Busietta, Radmilli, Briguglio u Galea Pace għandhom jiltaqgħu biex jiġu fformolati l-ispeċifikazzjonijiet. *Dawl energy efficient għall-ġonna.*

3.16 Il-Kunsilliera Marianne Aquilina staqsiet jekk l-art li hemm ix-Xatt ta' Tigne (qabel il-mina) hux tal-Gvern jew ta' Mizzi Group. Il-Kunsilliera Galea Pace staqsiet jekk hux se jsir parkeġġ Il-Kunsillier Radmilli qal li dan il-proċess (tal-parkeġġ) għadu għaddej u hemm applikazzjoni għall-permess mal-MEPA. *Informazzjoni dwar art.*

3.17 L-a/SE ippreżenta ittra mill-MEPA dwar *CPPS funds* datata 24 ta' Mejju 2012 fejn ġie indikat li l-bilanċ hu ta' €3,481,975 li hu ppjanat li dan imur għal parkeġġ fix-Xatt. Fir-rigward tal-fondi UIF dawn kienu kollha marbuta għat-titjib ta' Qui Si Sana. *UIF u CPPS funds.*

3.18 Is-Sindku informa li kienu ssejħu laqgħat għar-residenti b'mod partikulari dwar żviluppi u talbiet għall-permessi. Huwa informa li l-Kunsillieri kollha kienu milqugħa għal dawn il-laqgħat però enfasizza fl-importanza li wieħed iħalli f'idejn il-panel biex jagħmel ċertu stqarrijiet minħabba li jkun il-panel li jkun daħal fid-dettall tas-suġġett. *Laqgħat mar-residenti.*

## 4. HLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' XIRI/ORDNIJIET

4.1 Ġiet ippreżentata l-lista tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Busietta staqsa x'inhi d-differenza bejn Mica Med u l-Med Developers. L-a/SE spjega li l-Mica Med huma l-kuntratturi tad-dawl u l-Med Developers huma dawk li jiċċertifikaw ix-xogħol. *Lista ta' pagamenti.*

4.2 Is-Sindku rrefera għall-pagament tal-bukkett tal-fjuri u ħa l-opportunità biex jirringrazzja l-Kunsill kollu għall-ħsieb muri wara l-mewta ta' qariba tiegħu.

4.3 Il-Kunsilliera Galea Pace tkellmet dwar il-bozza mitluba fi Qui Si Sana Lane. Il-Kunsillier Radmilli għandu jiċċekkja mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jara jekk hux privata jew le, filkaż li hi privata l-Kunsill ma jkunx jista' jagħmilha. L-a/SE informa lill-Kunsilliera li mhux bilfors għax l-art tkun pubblika l-Kunsill huwa responsabbli, il-Kunsill irid jara hux responsabbli minn dan l-isqaq. Huwa sostna li jekk il-Kunsill ma jkunx responsabbli huwa ma jkunx jista' jawtorizza x-xogħol. Il-Kunsill qabel. *Talba għal bozza fi QSS Lane.*

4.4 Il-Kunsill irrimarka dwar il-pagament indirrizzat lil Aldo. Is-Sindku ta' spjegazzjoni li din kien hemm problema ta' drenaġġ li nħolqot lir-resident meta kien sar ix-xogħol mil-Kunsill. *Kont għall-irranġar ta' sistema ta' drenaġġ.*

4.5 Il-Kunsilliera Marianne Aquilina irrimarkat li fi Triq Tonna meta kien sar ix-xogħol ma kienx tħalla aċċess kif suppost għal garaxx partikolari għaliex il-bankina ma kinitx saret sew. Is-Sindku qal li wieħed għandu jikkonsidra kull każ fuq il-mertu tiegħu għaliex fil-każ ta' qabel ir-resident l-anqas jinħasel ma seta'. *Triq Tonna.*

4.6 Il-Kunsillieri preżenti unanimament approvaw ll-pagamenti kollha kif ippreżentati. *Pagamenti approvati.*

4.7 L-a/SE ippreżenta dokumenti li kienu ġew mitluba fl-aħħar seduta kif ukoll dokumenti oħra li pprezentatlu l-Kunsilliera Marianne Aquilina dwar emails ta' ex-Kunsilliera dwar il-pagament tal-*Med Developers Designers* għal xogħol li kien ġie ċertifikat li sar fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. *Kontijiet pendenti ta' Med Developers.*

4.8 Il-Kunsilliera Aquilina saħqet li l-problema kienet dwar Telgħet il-Kulleġġ l-Antik u qalet li kien hemm anke każijiet il-Qorti.

4.9 *Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Pierre Portelli ġew skużati ftit mis-seduta fit-19.48 u daħlu lura fit-19.50.*

4.10 Il-Kunsillier Radmilli ħass li la darba saret iċ-ċertifikazzjoni dan għandu jitħallas.

4.11 L-a/SE informa li skont id-dokumenti li għandu f'idu Med Developers kien ġie mitlub mill-Kunsill biex ssir ċertifikazzjoni.

4.12 Il-Kunsilliera Marianne Aquilina iddikjarat li ma taqbilx li dan għandu jitħallas.

4.13 Il-Kunsillier Busietta ippropona li l-Kunsill għandu jitlob il-kejl ta' liema parti tat-triq li qeghdin jitolbu l-Med Developers. Il-Kunsill qabel

4.14 *Il-Kunsillier Paul Radmilli ħareġ ftit mis-seduta 20.05.*

## 5. SOSPENSJONI TAL-AĠENDA – TALBA GĦALL-ORGANIZZAZZJONI TA' ATTIVITÀ FI ĠNIEN L-INDIPENDENZA

5.1 F'dan il-ħin il-Kunsill issospenda għal ftit ħin l-aġenda biex jisma d-dettalji mingħand il-kordinatriċi ta' din l-attività. *Intervent minn applikanta għal attività.*

5.2 Il-Kunsill kellu talba minn *Integration of Third Country* għall-attivita bit-tema *Get Up Stand Up* din hija NGO minn studenti għad-drittijiet umani.

5.3 *Daħal lura l-Kunsillier Radmilli fit-20.06*

5.4 Il-Kunsill qabel li din l-attivita għandha ssir fit-30 ta' Gunju bil-kundizzjonijiet li jżommu nadif u l-mużika ma tkunx għolja u mhux aktar tard mill-11 ta' bil-lejl. Fil-*flyer* tagħhom għandu jitniżżel *Supported by Tas-Sliema Local Council*. *Approvazzjoni tal-attività.*

5.5 Is-Sindku ippropona li għall-attivitajiet simili għandu jitwaqqaf sotto kumitat fejn jiġu fformulati *guidelines.* Huwa infatti ippropona lill-Kunsillier Portelli biex jieħu r-responsabbiltà flimkien ma' Kunsillieri li jixtiequ jingħaqdu miegħu. Il-Kunsill qabel. *Sotto-kumitat biex iħejji linji gwida għal attivitajiet minn terzi.*

## 6. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' XIRI – TKOMPLIJA 1.

6.1 Tressaq il-pagament mitlub mid-*Directorate Life Long Learning* li l-ammont kien ta' Euro 7828.80 għall-korsijiet ta' diversi lingwi li saru minn Ottubru 2011 sa Mejju 2012. Gew ipprezentati ċifri ta' kemm gew jiswew inkluż il-kiri ta' klassijiet u l-ħlas tal-purtinar. Kien ippreżentat ukoll il-ftit dħul li kellu l-Kunsill (ftit minħabba li ħafna mill-applikanti kienu 'l fuq minn sittin sena). Kien hemm qbil unamimu li jitħallas dan il-pagament. *Pagamenti tal-Life Long Learning.*

6.2 Il-Kunsillier Briguglio ssuġġerixxa li għandhom jitpoġġew erba *bicycle stands* mill-Balluta sax-Xatt. Il-Kunsill qabel ma' dan. Il-Kunsillier Briguglio għandu jindika l-postijiet eżatti ħalli jkunu ordnati. *Bicycle Stands*

6.3 Il-Kunsillier Briguglio informa li kellu talba mil-librara biex jitpoġġew tabelli biex ikun indikat fejn qegħda l-Librerija Pubblika. Il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu fi Triq Nicolo Isouard, Triq Blanche Huber u Triq Rudolfu ma' Villa *Tabelli tal-Librerija*

Schinaz.

6.4 *Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill jgħaddi għal item numru 11 fuq l-aġenda.*

## 7. *GREEN WARDENS*

7.1 Is-Sindku informa li, wara li l-Kunsill talab l-intervent tal-*Green Wardens* kien hemm rispons pożittiv.

7.2 Il-Kunsillier Radmilli ippropona li l-Kunsill għandu jistaqsi għal rapport fix-xahar u rendikont ta' kontravenzjonijiet. Kien hemm qbil dwar dan. *Rapport kull xahar.*

7.3 Il-Kunsillier John Pillow ġibed l-attenzjoni li għad hemm ħafna ħwienet li qeghdin joħorġu ħafna skart fuq il-bankina. *Ħruġ ta' skart minn ħwienet.*

7.4 *Il-Kunsillier Paul Radmilli ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-20.33*

## 8. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' XIRI – TKOMPLIJA 2.

8.1 Il-Kunsill qabel li għandu jixtri *Driller Concrete Mixer* għall-użu tal-ħaddiema biex ikunu jistgħu jħalltu żebgħa u materjal ieħor. Ġew ippreżentanti żewġ stimi u l-Kunsill għażel li jixtri dak li jiswa €273. *Għodda għall-ħaddiema*

8.2 Il-Kunsill ġie infurmat li inxtraw bandli (cradle seats) minħabba li dawk li kien hemm kienu tkissru u saru perikolużi. Informa wkoll li inxtraw tnejn żejda minħaba li kien hemm offerta vantaġġjuża ħafna. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara konsultazzjoni mas-Sindku u l-Kunsillier responsabbli John Pillow. *Bandli (cradle seats)*

8.3 Is-Sindku preżenta proposta biex iż-żona li preżentament hija mitluqa fejn il-figuri tad-dell tissebbaħ. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan. *Irranġar ta' żona mitluqa fejn ix-shadows.*

8.4 L-a/SE informa li kien irċieva komunikazzjoni dwar servizz ta' Virtual Tour li jirrigwarda t-teħid ta' sett ta' tmien ritratti ta' Tas-Siema li jkunu meħuda 360⁰. Dawn ir-ritratti jkunu jistgħu jitpoġġew fuq il-website tal-Kunsill jew ikunu *linked* anki fuq *Facebook*. Il-prezz huwa ta' €250. Il-Kunsill qabel. *Virtual Tour*

8.5 Il-Kunsill ġie infurmat li se jsejjaħ għall-kwotazzjoni pubblika biex tinxtara żebgħa u tabelli tat-traffiku. *Kwotazzjonijiet xiri ta' żebgħa u tabelli tat-traffiku.*

8.5 Il-Kunsilliera Vivianne Galea Pace infurmat li *Sliema Aquatic Sports Club* ippreżentaw kwotazzjonijiet għad-design u l-pubblikazzjoni tal-ktejjeb li jikkommemora l-okkażjoni speċjali taċ-Ċentinarju ta' din l-attività f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel mal-kwotazzjonijiet tad-*design* però għal dak tal-istampar għandha tinħareġ sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet skont ir-regolamenti minħabba li l-ammonti jaqbżu l-limitu. *Ktejjeb taċ-Ċentinarju.*

## 9. L-IMPJIEG TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

9.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-proċess għadu għaddej u s'issa hemm applikant wieħed li jikkwalifika għal dan il-post vakant. L-Agent Segretarju Eżekuttiv informa li hemm bżonn li jinħatar Bord tal-Għażla fi żmien ħamest ijiem li

tgħalaq l-applikazzjoni.

9.2 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-Bord ikun magħmul mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillieri Marianne Aquilina, Kris Busietta u Michael Briguglio. Is-Sur Paul Gatt ikun is-Segretarju tal-Bord. *Ħatra tal-Bord tal-Għażla.*

## 10. RISPOSTA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI (MANAGEMENT LETTER) TAL-AWDITURI

10.1 Dan l-item ġie pospost għal darb'oħra biex ikun jista' jiġi l-*Accountant* tal-Kunsill ħalli jispjega.

## 11. ĦATRA TA' SOTTO KUMITATI

11.1 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li jinħatar sotto-kumitat dwar it-traffiku li jkun immexxi mill-Viċi Sindku. Il-Kunsillier Michael Brigulio sostna li l-Kunsill għandu jinvoli esperti għall-persuni b'diżabilita. Dan il-prinċipju kien aċċettat u għalhekk kien hemm qbil li anke jekk ma jkunx fis-sotto kumitat għandu jkun kkonsultat persuna mill-KNPD. Sadanittant il-Vici Sindku informa li fejn l-Għassa se jiżdiedu madwar ħames *parking bays* ġodda. *Sotto-kumitat għat-Traffiku.*

11.2 Il-Vici Sindku semma li se jipprova jkollu persuni minn kull parti minn tas-Sliema. Il-Kunsillier Michael Briguglio sostna fl-importanti li l-persuni li jidħlu fis-sotto-kumitat ma jagħmlux hekk għall-vantaggi personali iżda għall-benefiċċju komuni tar-residenti kollha.

11.3 Il-Vici Sindku ippropona li għandu jkun iffurmat sotto kumitat li xogħlu jkun li joħloq kuxjenza dwar dak li għandha x'toffri Tas-Sliema. *Sotto-kumitat għall-kuxjenza akbar f'dak li għandha x'toffri Tas-Sliema.*

11.4 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Michael Briguglio jifforma sotto kumitat tal-Bajjiet biex ikunu jista' jikkunsidra u jressaq proposti li l-Kunsillier Briguglio kien diġà għamel aċċenn għalihom. *Sotto-kumitat Bajjiet.*

11.5 Il-Kunsillier Busietta informa li dawn li gejjin se jkunu fis-sotto kumitat tieghu tal-Wirt Storiku/Kulturali: Edward Said, John Bisazza, Tony Terribile, Guido Lanfranco u Corinne Xuereb. Kien hemm qbil dwar dan. *Sottokumitat Wirt Storiku u Kulturali.*

11.6 Il-Vici Sindku rrimarka dwar it-tizjin tal-Milied u semma l-fatt għaliex is-sena l-oħra gew involuti T*as-Sliema Business Community*. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss fis-seduta li jmiss. *Tiżjin tal-Milied.*

## 12. PROGRAMM TA' XOGĦLIJIET TA' BANKINI U TOROQ, PPP U OFFERTI

12.1 Il-Kunsill ġie mfakkar li Polidano Group kien l-uniku offerent fl-offerti tat-toroq taħt il-PPP.

12.2 F'dan il-ħin il-Kunsill iddiskuta dwar diversi problemi pendenti li hemm ma' dan il-kuntrattur u għalhekk ma ħassx li għandu jikkunsidra jidħol għal kuntratti oħra miegħu.

12.3 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibiltà li bil-flus li għandu allokati għat-toroq għandu jimmassimizza l-valur tagħhom billi, minflok jagħmel qlugħ estensiv tat-toroq, jara fejn hemm ħsarat u jirranġa l-ħsara billi jraqqgħa b'mod estensiv *Major Patching.*

numru akbar ta' toroq. Jidher li b'dan il-mod jista' jkun li l-proċess jgħaġġel aktar ukoll.

12.4 Il-Kunsill unanimament qabel li l-kuntratt tal-PPP għandu jabbandunah u jaħdem fuq il-ħsieb li jagħmel traqqiegħ maġġuri ta' numru akbar ta' toroq. *Kuntratt tal-PPP abbandunat.*

12.5 Il-Kunsill qabel ukoll li l-ewwel għandu jara jekk Polidano Group, permezz tal-kuntratt eżistenti, hux lest li jibda x-xogħol malajr u jekk mhux lest allura l-Kunsill jagħmel sejħa urġenti għall-offerti. *Ħruġ ta' offerti xogħlijiet ta' toroq.*

## 13. *ADVERTISING SAFETY BARRIERS*

13.1 l-Agent Segretarju Ezekuttiv ipprezenta dokumenti minn Multisits dwar *safety barriers*. Il-Kunsill qabel li dawn jitwaħħlu u l-Kunsill ma jħallas xejn, anzi jitħallas skont ir-rati tal-Bye Law. *Multisits.*

13.2 Is-Sindku informa li kellu wkoll talba biex issir struttura ta' reklamar b'sistema ta' LED's. Il-Kunsill qabel li talbiet bħal dawn għandhom ikunu kkunsidrati filwaqt li r-responsabbiltà ta' permessi għandhom ikunu tal-kumpanija li tkun tixtieq tpoġġihom. *Reklamar b'sistema LED's*

13.3 Il-Kunsillier Michael Brigulio appella biex il-Kunsill joqgħod attent x'tip ta' avviżi se jagħmlu biex ma jkunux ta' natura politika.

13.4 *Il-Kunsilliera Mary Camilleri ġiet skużata mis-seduta fid-21.30*

## 14. PERMESSI GĦAL ŻVILUPP - KONSULENZA

14.1 Il-Kunsill iddiskuta l-iżvilupp propost tal-Forestals. Il-Kunsillier Michael Briguglio ippropona li l-Kunsill għandu jitlob għal *Environment Impact Assessment* kif ukoll għal T*ransport Impact Assessment.* Kien hemm qbil dwar dan. *Żvilupp Forestals.*

14.2 Sadanittant il-Kunsill beda jiddiskuti l-possibiltà ta' servizzi ta' konsulenza li permezz tiegħu ikunu evalwati l-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp. Il-Kunsill kien infurmat li diġà kellu kuntatt f'dan ir-rigward mal-kumpanija ADI Associates u li kienu lesti li joffru diversi servizzi relatati. *Servizzi ta' konsulenza.*

14.3 Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel sejħa għall-offerti għal dan is-servizz iżda sadanittant, il-Kunsill jibda jieħu s-servizzi għal żmien limitat mal-kumpanija msemmija sakemm il-proċess kollu tal-offerti jkun lest u sakemm il-limitu ta' ordni diretta skont ir-regolamenti finanzjarji ma jinqabiżx.

14.4 Il-Kunsillier Briguglio ġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm klawsola fil-kuntratt dwar konflitt ta' interess biex il-Kunsill jaċċerta li fejn ikun hemm konflitt ta' interess il-kuntrattur għandu jinforma lill-Kunsill. *Klawsola dwar konflitti ta' interess.*

14.5 *Il-Kunsilliera Mary Camilleri dahlet lura ghas-sedutat fid-21.35*

14.6 Is-Sindku tkellem dwar il-*hawkers* minħabba ċertu talbiet li jkun qed jaslu b'mod partikulari ta' *hawker* li talab għal permess biex ikollu electrical point fiss. Huwa fakkar li l-ligi li tispecifika li l-*hawkers* għandhom ikunu 50m minn kull ħanut flimkien ma' regolamenti oħra. Is-Sindku informa li huwa jħoss li l-Kunsill *Hawkers.*

m'għandux japprova tali talba għaliex inkella indirettament ikun qiegħed japprova li jkun *hawker* fiss.

14.7 Issemmew ukoll it-talbiet li kien qiegħed ikun hemm għall-armar ta' bejjiegħa fuq il-*promenade*. Il-Kunsillier Busietta iddikjara li ma jaqbilx li l-permessi għandhom jingħataw matul il-promenade. Is-Sindku informa li s'issa ma ngħata l-ebda permess dwar dan. *Bejjiegħa mal-Promendade.*

14.8 *Il-Kunsilliera Mary Camilleri giet skuzata li titlaq mis-seduta fid-21.41.*

14.9 Il-Kunsillier Pierre Portelli irrimarka dwar l-*ispecifications* tal-website. Kien hemm qbil li għandhom ikunu ċċirkulati l-ispeċifikazzjonijiet ħalli tkun tista' ssir il-pubblikazzjoni tal-offerti. *Website.*

**15. DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

15.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun fl-20 ta' Gunju 2012.

15.2 Is-seduta intemmet fl-22.00

Minuti approvati llum 20 ta' Ġunju 2012.

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Paul Gatt**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**